

31992R2719

19.9.1992

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 276/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2719/92
tal-11 ta' settembru 1992**

dwar id-dokument amministrattiv li jakkompanja l-moviment taħt arranġamenti ta' sospensjoni tat-taxxa fuq prodotti soġġetti għat-taxxa tas-sisa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/12/EEC tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għat-taxxa tas-sisa u dwar iż-żamma, l-moviment u s-sorvelja ta' prodotti ta' din ix-xorta ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 18(1) u 19 (1) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Taxxi tas-Sisa,

Billi l-moviment ta' prodotti soġġetti għat-taxxa tas-sisa bejn l-imħażen tat-taxxa u bejn maħżen tat-taxxa u operatur reġistrat jew mhux reġistrat isir taħt arranġamenti ta' sospensjoni ta' taxxa; billi huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod obbligatorju l-forma u l-kontenut tad-dokument li jakkompanja li jista' jkun kemm dokument amministrattiv kif ukoll dokument kummerċjali;

Billi huwa wkoll meħtieġ li jiġi stabilit min għandu jgħaddi r-raba' kopja tad-dokument ta' l-akkompanjament maħsub għall-awtoritajiet kompetenti lil dawk l-awtoritajiet u kif dan għandu jseħħ; billi huwa mixtieq u konformi mal-prattika li din l-obbligazzjoni titqiegħed fuq il-konsenjatarju fil-pajjiż tad-destinazzjoni, peress illi huwa biss ikun qiegħed f'pożizzjoni biex jagħmel disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu dan id-dokument, li huwa importanti għall-iskopijiet ta' superviżjoni tat-taxxa, mingħajr il-perikolu li dan jispiċċa fejn m'għandux; billi r-raba' kopja wkoll għandha jkollha magħha ċertifikazzjoni ta'riċevuta, jekk dan ikun mitlub mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni, li jkun jindika lil dawk l-awtoritajiet illi l-oġġetti kienu ġew riċevuti fil-maħżen tat-taxxa tal-konsenjatarju,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-dokument li jidher fl-Anness għandu jintuża bħala d-dokument amministrattiv li jakkompanja l-moviment taħt l-arranġamenti ta'

sospensjoni tat-taxxa fuq prodotti soġġetti għat-taxxa tas-sisa fis-sens ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/EEC. L-istruzzjonijiet rigward il-mili tad-dokument u l-proċeduri dwar kif dan jintuża jidhru fuq in-naħa ta' wara tal-kopja 1 ta' dan id-dokument.

Artikolu 2

1. Dokument kummerċjali jista' jintuża flok id-dokument amministrattiv sakemm dan ikollu l-istess informazzjoni meħtieġa li tkun tidher fid-dokument amministrattiv.

2. Dokument kummerċjali li ma jkollux format bħad-dokument amministrattiv għandu jkollu l-istess elementi ta' l-informazzjoni meħtieġa mid-dokument amministrattiv, u n-natura ta' l-oġġetti ta' l-informazzjoni għandha tkun identifikata b'numru li jkun jikkorrispondi man-numru tal-kaxxa relattiva fuq id-dokument amministrattiv.

Artikolu 3

Fejn il-prodotti soġġetti għat-taxxa tas-sisa jkunu misjuqa f'kontutturi fissi l-Istati Membri involuti jistgħu, bi ftehim ma' xulxin, jawtorizzaw it-tip u l-kwantità tal-oġġetti misjuqa bejn il-maħżen ta' taxxa ta' min jikkonsenja u l-maħżen ta' taxxa tal-konsenjatarju u dan għandu jiġi rrapportati permezz ta'proċeduri komputerizzati li se jieħdu post id-dokument li jakkompanja. Arranġament ta' din ix-xorta għandu jkun biżżejjed biex jassigura illi d-data kollha meħtieġa għall-kontroll ta' l-inventarju u għall-ġbir ta' taxxa jiġu pprovduti.

Artikolu 4

Il-konsenjatarju, jekk ikun meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni, għandu jinnota r-raba' kopja tad-dokument li jakkompanja bl-istess ċertifikazzjoni ta' riċevuta bħal fuq it-tielet kopja (il-kopja tar-ritorn) u għandu jagħmilha disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti li lilhom irid jgħarraf skond l-istruzzjonijiet tagħhom.

Artikolu 5

⁽¹⁾ ĠU L 76, tat-23.3.1992, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993.

Dan ir-Regolament għandu jkun obligatorju fl-intier tiegħu u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Brussell, fil-11 ta' Settembru 1992.

Għall-Kummissjoni
Christiane SCRIVENER
Membri tal-Kummissjoni

IL-KOMUNITÀ EWROPEA
IL-PRODOTTI SOĠĠETTI GĦAT-TAXXA TAS-SISA

DOKUMENT AMMINISTRATTIV LI JAKKOMPANJA

1 kopja tal-konsenjatur	1 In-numru tal-VAT ta'Konsenjatur <input type="checkbox"/>	2 In-numru tas-sisa tal-konsenjatur	3 Numru ta' referenza
		4 In-numru tas-sisa tal-konsenjatarju	5 Numru tal-Fattura
		6 Id-data tal-fattura	
	7 In-numru tal-VAT ta'Konsenjatarju	8 L-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq	
	7a Il-post tal-konsenja	10 Il-garanzija	
9 It-trasportatur	12 Il-pajjiż minfejn tintabgħat il-konsenja	13 Il-pajjiż ta' destinazzjoni	
11 Dettalji oħra tat-trasport	14 Ir-rappreżentant tat-taxxa		
1	15 Il-post tat-tluq	16 Il-data tat-tluq	17 Il-ħin tal-vjaġġ

18a Il-marki u n-numri, in-numru u t-tip tal-pakki, id-deskrizzjoni ta'l-oġġetti

19a Il-kodiċi tal-merkanzija (il-kodiċi CN)

20a Il-kwantità

21a Il-piż gross (kg)

22a Il-piż nett (kg)

18b Il-marki u n-numri, in-numru u t-tip tal-pakki, id-deskrizzjoni ta'l-oġġetti

19b Il-kodiċi tal-merkanzija (il-kodiċi CN)

20b Il-kwantità

21b Il-piż gross (kg)

22b Il-piż nett (kg)

18c Il-marki u n-numri, in-numru u t-tip tal-pakki, id-deskrizzjoni ta'l-oġġetti

19c il-kodiċi tal-merkanzija (il-kodiċi CN)

20c Il-kwantità

21c Il-piż gross (kg)

22c Il-piż nett (kg)

23 Iċ-ċertifikati (ċerti nbejjed u spirti, birreriji żgħar u distilleriji)

A Ir-rekord tal-kontroll għall-użu mil-awtorità kompetenti

24 Il-kaxxi 1-22 ġew ċertifikati korretti

Il-kumpanija tal-firmatarju u n-numru tat-telefon

L-isem tal-firmatarju

Il-post u d-data

Firma

Il-firma tkompli fuq in-naħa ta' wara (kopji 2, 3 u 4)

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

1. Ġenerali

- 1.1. Id-Dokument Amministrattiv li Jakkompanja huwa meħtieġ għal l-iskopijiet tas-sisa skond id-dispozzjonijiet ta' l-Artikoli 18 u 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/EEC tal-25 ta' Frar 1992.
- 1.2. Id-dokument għandu jimtela b'mod li jkun jinqara u li dak li jtnizzel fih ikun indelibbli. L-informazzjoni tista' tiġi stampata minn qabel. Ma hux permess tħassir jew kitba fuq li hemm.
L-awtorizzazzjoni minn awtorita kompetenti għal tibdil fil-post tal-konsenja għandha tidher f' il-kaxxa B.
- 1.3. L-ispeċifika ġenerali tal-karta li għandha tintuża u tal-qies tal-kaxxi hija dik stabbilita fil- *Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* Nru C 164/3 datat 1. 7. 89.
Il-karta għandha tkun bajda għall-kopji kollha b'daqqs ta' 210 millimetri b' 297 millimetri b'tolleranza massima ta' 5 millimetri inqas jew 8 millimetri iżjed fir-rigward tat-tul tagħhom.
- 1.4. Kull spazju mhux użat fil-kaxxi 18a sa 22c għandu jkun immarkat b'linja sabieq xejn ma jkun jista' jizjed. Tliet deskrizzjonijiet separati tal-merkanzija jistgħu jiddaħħlu u dawn għandhom ikunu ta' l-istess kategorija ta' sisa. Il-kategoriji huma żjut minerali, prodotti tat-tabakk, u alkoħol/xorb alkoħoliku.
- 1.5. Id-dokument li jakkompanja fih erbgħa kopji:
Il-kopja 1. għandha tinżamm minn min jikkonsenja.
Il-kopja 2. għandha tinżamm mill-konsenjatarju.
Il-kopja 3. għandha tiġi rritornata minn min jikkonsenja biex jiġi lliberat il-moviment, jekk ikun meħtieġ, biċ-ċertifikat jew b'dikjarazzjoni formali ta' l-awtorita fiskali ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni.
Il-kopja 4. għandha tkun disponibbli għall-awtorita kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni mill-konsenjatarju.
L-awtorita kompetenti ta' l-Istat Membru li jkun jibgħat tista' tkun teħtieġ li tiġi provduta lilha kopja addizzjonali tad-dokument.
- 1.6. Il-kopji 2, 3 u 4 għandhom jakkompanjaw l-oġġetti matul il-moviment.
- 1.7. F'każijiet fejn dan id-dokument jintuża għall-moviment permezz ta' konduttur fissi, il-kopji 2, 3 u 4 għandhom jintbagħtu lill-konsenjatarju bl-ehf mezz possibli lil magazzinier li jkun bagħat. Fil-każijiet kollha d-dokument għandu jasal fil-post tal-konsenja fi żmien 24 siegħa mir-riċevuta ta' l-oġġetti miegħu relatati.

2. L-intestaturi

- Il-kaxxa 1. Min jikkonsenja: l-isem sħiħ, l-indirizz u n-numru ta' regjistrazzjoni tal-VAT.
- Il-kaxxa 2. Numru tas-sisa ta' min jikkonsenja: in-numru ta' regjistrazzjoni tas-sisa (jekk ikun hemm) li jkun ġie konċess mill-awtorita fiskali tiegħu lil min jikkonsenja.
- Il-kaxxa 3. In-numru tar-referenza: in-numru tar-referenza li tidentifika l-konsenja fir-rekords ta' min jikkonsenja (per eżempju, n-numru tal-fattura jista' jintuża għal dan l-iskop).
- Il-kaxxa 4. In-numru tas-sisa tal-konsenjatarju: fil-każ tal-magazzinier awtorizzat jew ta' negozjant irregjistrat, in-numru tar-regjistrazzjoni tas-sisa (jekk ikun hemm). Fil-każ ta' negozjant mhux irregjistrat, in-numru ta' l-awtorizzazzjoni tal-konsenja konċess lill-awtorita fiskali tiegħu għandu jiġi indikat.
- Il-kaxxa 5. In-numru tal-fattura: in-numru tal-fattura relatata ma' l-oġġetti. Jekk ma jkunx ġie assenjat numru lill-fattura, għandu jingħata lilha n-numru ta' l-awtorizzazzjoni għall-ħruġ jew ta' dokument ieħor tat-trasport.
- Il-kaxxa 6. Id-data tal-fattura: id-data tad-dokument li tidher fil-kaxxa 5.
- Il-kaxxa 7. Il-konsenjatarju: l-isem sħiħ, l-indirizz u n-numru ta' regjistrazzjoni tal-VAT. Fil-każ ta' l-oġġetti li se jiġu esportati l-persuna li tagħxi għal min jikkonsenja fil-post ta' l-esportazzjoni jew tat-tagħbija għandu jiġi indikat.
- Il-kaxxa 7a. Il-post tal-konsenja: Il-post attwali tal-konsenja jekk l-oġġetti ma jkunux ġewx ikkonsenjati lill-indirizz indikat fil-kaxxa 7.
Fil-każ ta' l-oġġetti li se jiġu esportati n-notament 'ESPORTAZZJONI GħAL BARRA L-KOMUNITÀ' għandu jsir flimkien mal-post ta' esportazzjoni. Fil-każ ta' l-oġġetti li sussegwentement għandhom jitpoġġew taħt proċedura doganali Komunitarja (għajr ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera) n-notament 'TAĦT PROĊEDURA TAD-DWANA' għandu jsir flimkien mal-post fejn l-oġġetti jidħlu taħt il-kontroll tad-dwana.
- Il-kaxxa 8. L-awtorita kompetenti għall-ħruġ: l-isem u l-indirizz tal-awtorita kompetenti responsabbli għall-kontroll tas-sisa fil-post tal-ħruġ.
- Il-kaxxa 9. It-trasportatur: l-isem u l-indirizz tal-persuna responsabbli torganizza l-ewwel moviment, jekk din tkun differenti minn min jikkonsenja.
- Il-kaxxa 10. Il-garanzija: identifika l-parti jew il-partijiet responsabbli biex jagħmlu l-garanzija. Għandhom jiddaħħlu biss 'Min qed jikkonsenja', 'it-trasportatur' jew 'il-konsenjatarju' kif ikun il-każ.
- Il-kaxxa 11. Dettalji oħra tat-trasport: kwalunkwe informazzjoni addizzjonali, e.g. l-isem tat-trasportatur sussegwenti, il-mezz tat-trasport, in-numru tar-regjistrazzjoni tal-mezz tat-trasport, u n-numru, t-tip u l-identifikazzjoni ta' kull siġill kummerċjali.
- Il-kaxxa 12. Il-pajjiż li qed jibgħat: L-Istat Membru mnejn jibda l-moviment. Għandha tintuża taqsira.

BE	il-Belġju	IT	l-Italja
DE	il-Ġermanja	LU	il-Lussemburgu
DK	id-Danimarka	PT	il-Portugal
EL	il-Greċja	ES	Spanja
FR	Franza	NL	l-Olanda
IE	l-Irlanda	GB	ir-Renju Unit

- Il-kaxxa 13. Il-pajjiż tad-destinazzjoni: l-Istat Membru finali tal-moviment. Taqsiriet, bħal fil-kaxxa 12, għandhom jintużaw.
- Il-kaxxa 14. Ir-rappreżentant għat-taxxa. Jekk min ikun jikkonsenja jkun ħatar rappreżentant għat-taxxa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, ismu, l-indirizz, u n-numru ta' regjistrazzjoni tal-VAT u s-sisa tiegħu (jekk ikun il-każ) għandhom jiddaħħlu f'din il-kaxxa.
- Il-kaxxa 15. Post tat-tluq: in-numru ta' l-awtorizzazzjoni (jekk ikun hemm) tal-maħżen.
- Il-kaxxa 16. Id-data al-ħruġ: u jekk ikun meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti waqt it-tluq, il-ħin li fih l-oġġetti jtilqu mill-maħżen ta' min jikkonsenja.
- Il-kaxxa 17. Il-ħin tal-vjaġġ: il-perjodu normali ta' żmien meħtieġ għall-vjaġġ waqt li jiġu kkunsidrati l-mezzi tat-trasport u d-distanza nvoluta.
- Il-kaxxa 18a. Il-pakketti, u d-deskrizzjoni ta' l-oġġetti: il-marki u n-numru tal-pakketti esterni, e.g. ir-riċipjenti; in-numri tal-pakketti interni, e.g. kartun; u d-deskrizzjoni kummerċjali ta' l-oġġetti. Id-deskrizzjoni tista' titkompla fuq folja separata mqabbla ma' kull kopja. Lista ta' l-ippakkjar tista' tintuża għal dan l-iskop. L-alkoħol u x-xorb alkoħoliku għajr il-birra għandu jkollhom is-saħħa alkoħolika murija (persentaġġ bil-volum ta' 20 °C). Il-birra għandha tidher jew fi gradi Plato jew bħala persentaġġ ta' l-alkoħol bil-volum ta' 20 °C, jew it-tnejn li huma, skond il-ħtieġa ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni u l-Istat Membru tat-tluq.. Iż-żjut minerali għandhom jindikaw densita' ta' 15 °C.
- Il-kaxxa 19a. Il-kodiċi tal-merkanzija: il-kodiċi CN. Box 20a.
- Il-kaxxa 20a. Il-kwantita:
— in-numru ta' l-oġġetti, espress f'eluf, (sigaretti, sigarri u sigarillos),
— litri ta' 20 °C sa żewġ postijiet deċimali (alkoħol u xorb alkoħoliku),
— litri ta' 15 °C (żjut minerali).
- Il-kaxxa 21a. Piż totali: il-piż totali tal-konsenja.
- Il-kaxxa 22a. Il-piż nett: il-piż tal-prodotti tas-sisa mingħajr l-ippakkjar għandu jingħata fir-rigward ta' l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku, iż-żjut minerali, u l-prodotti tat-tabakk kollha ħliet is-sigaretti. Il-kaxxi minn 18b sa 22b u minn 18c sa 22c għandhom jintużaw meta l-konsenja jkollha oġġetti ta' deskrizzjoni differenti minn daww fil-kaxxi 18a sa 22a. Box 23.
- Il-kaxxa 23. Iċ-ċertifikati: dan l-ispazju huwa riservat għal ċerti ċertifikati li jkun meħtieġa fuq il-Kopja 2 biss.

1. Fil-każ ta' ċerti nbejjed, iċ-ċertifikazzjoni li għandha x'taqsam ma' l-oriġini u l-kwalita tal-prodotti għandha, fejn ikun meħtieġ, tiġi indikata skond il-leġislazzjoni relevantital-Komunita.
2. Fil-każ ta' ċerti xarbiet spiritużi iċ-ċertifikazzjoni li li għandha x'taqsam mal-post tal-produzzjoni li tkun meħtieġa taħt il-leġislazzjoni relevanti tal-Komunita għandha tiġi indikata.
3. Il-birra li tkun imsajra minn birrerija żgħira indipendenti, kif imfisser fid-direttiva speċifika tal-Kunsill li ttratta dwar l-istrutturi ta' taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku, li dwaru jkun hemm l-intenzjoni li tintalab rata mnaqsa ta' taxxa tas-sisa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni għandha tiġi ċċertifikata minn min jikkonsenja jew skond it-termini segwenti:
'Qiegħed hawnhekk jiġi ċċertifikat li l-prodott deskritt sar minn impriża żgħira indipendenti bi produzzjoni fis-sena ta' qabel ta' ettolitri ta' birra'.
4. L-alkoħol etiliku prodott minn distillerija żgħira indipendenti, kif imfisser fid-Direttiva speċifika tal-Kunsill li ttratta l-istrutturi ta' taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku, li dwaru hemm l-intenzjoni li tintalab rata mnaqsa tat-taxxa tas-sisa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni għandu jiġi ċċertifikat minn min jikkonsenja skond it-termini segwenti:
'Qiegħed hawnhekk jiġi ċċertifikat li l-prodott deskritt sar minn impriża żgħira bi produzzjoni fis-sena ta' qabel ta' ettolitri ta' alkoħol pur'.

- Il-kaxxa 24. Il-kumpanija tal-firmatarju, eċċ.: id-dokument għandu jimtela minn, jew f'isem, min jikkonsenja. Il-kumpanija tal-firmatarju tad-dokument għandha tiġi identifikata.
- IL-KAXXA A Ir-regjistrazzjoni tal-kontroll: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirregjstraw il-kontrolli applikati fil-Kopji 2, 3 u 4. Jekk l-ispazju ma jkunx biżżejjed fuq quddiem tad-dokument ir-regjistrazzjoni tista' titkompla fuq wara. Il-kummenti kollha għandhom jiġu ffirmati, datati u ttimbrati mill-uffiċjal responsabbli.
Kull spazju mhux użat fil-kaxxi 18a sa 22c għandu jkun immarkat b'linja sabieq xejn ma jkun jista' jizjed. Tliet deskrizzjonijiet separati tal-merkanzija jistgħu jiddaħħlu u dawn għandhom ikunu ta' l-istess kategorija ta' sisa. Il-kategoriji huma żjut minerali, prodotti tat-tabakk, u alkoħol/xorb alkoħoliku.

- IL-KAXXA B Min jikkonsenja jew l-aġent tiegħu jista' jitlob li l-konsenja titwassal f'post differenti minn dak indikat fil-kaxxa 7 jew fil-kaxxa 7a. Jekk din it-talba tiġi awtorizzata mill-awtorita kompetenti l-post il-ġdid tal-konsenja għandu jiġi indikat.

- IL-KAXXA C Iċ-ċertifikat tar-riċevuta: għandu jingħata mill-konsenjatarju. F'każijiet fejn ikun hemm il-kontroll fiskali tar-riċevuta ta' l-oġġetti f'maħżen, jew fejn l-oġġetti jiġu esportati jew impoġġjin taħt proċedura doganali komunitarja (għajr ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa), ikun meħtieġ ċertifikat mill-awtorita fiskali jew mill-uffiċċju tad-dwana, skond il-każ.

2 kopja tal-konsenjatur	1 In-numru tal-VAT tal-Konsenjatur	2 In-numru tas-sisa tal-konsenjatur	3 Numru ta' referenza
	<input type="checkbox"/>	4 In-numru tas-sisa tal-konsenjatarju	5 Numru tal-Fattura
	7 In-numru tal-VAT tal-Konsenjatarju	6 Id-data tal-fattura	
	7a Il-post tal-konsenja	8 L-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq	
	9 It-trasportatur	10 Il-garanzija	
11 Dettalji oħra tat-trasport	12 Il-pajjiż minfejn tintabgħat il-konsenja	13 Il-pajjiż ta' destinazzjoni	
2	15 Il-post tat-tluq	16 Il-data tat-tluq	14 Ir-rappreżentant tat-taxxa
			17 Il-ħin tal-vjaġġ

18a Il-marki u n-numri, in-numru u t-tip tal-pakki, id-deskrizzjoni ta'l-oġġetti	19a Il-kodiċi tal-merkanzija (il-kodiċi CN)			
	20a Il-kwantità	21a Il-piż gross (kg)		
		22a Il-piż nett (kg)		
18b Il-marki u n-numri, in-numru u t-tip tal-pakki, id-deskrizzjoni ta'l-oġġetti	19b Il-kodiċi tal-merkanzija (il-kodiċi CN)			
	20b Il-kwantità	21b Il-piż gross (kg)		
		22b Il-piż nett (kg)		
18c Il-marki u n-numri, in-numru u t-tip tal-pakki, id-deskrizzjoni ta'l-oġġetti	19c il-kodiċi tal-merkanzija (il-kodiċi CN)			
	20c Il-kwantità	21c Il-piż gross (kg)		
		22c Il-piż nett (kg)		

23 Iċ-ċertifikati (ċerti nbejjed u spirti, birreriji żgħar u distilleriji)	
A Ir-rekord tal-kontroll għall-użu mil-awtorità kompetenti	24 Il-kaxxi 1-22 ġew ċertifikati korretti
	Il-kumpanija tal-firmatarju u n-numru tat-telefon
	L-isem tal-firmatarju
	Il-post u d-data
	Firma
Il-firma tkompli fuq in-naħa ta' wara (kopji 2, 3 u 4)	

B L-AWTORIZZAZZJONI GĦALL-BDIL FIL-POST TAL-KONSENJA

L-isem il-ġdid/l-indirizz:

Awtorizzat minn (awtorità kompetenti):

Talba minn: l-isem/l-indirizz tal-kumpanija:

In-nru. tar-referenza.

Il-firma
u t-timbru

L-isem u l-firmatarju:

Firma:

Il-post u d-data:

C IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI LI L-OĠĠETTI ĠEW RIĊEVUTI U ESPORTATI L-Oġġetti ġew riċevuti mill-konsenjatarju

Data Post Numru ta' referenza

Id-Deskrizzjoni ta' l-oġġetti

L-Eċċess

In-Nuqqas

 Il-Konsenja ġiet eżaminata L-Oġġetti ġew esportati (*)/imqiegħda taħt il-proċedura tad-dwana tal-Komunità (għajr ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera) (*)

Il-mezz tat-trasport

Data

 L-isem tal-firmatarju
Il-kumpanija tal-firmatarjuIl-post/data
Firma Il-firma l-awtorità fiskali jew l-uffiċċju Doganali
L-isem
L-indirizz

Id-dikjarazzjoni minn awtorità fiskali (jekk meħtieġa) jew minn uffiċċju Doganali

(*) ħassar fejn mhux applikabbli

A Rekord tal-kontroll (ikompli)

B L-AWTORIZZAZZJONI GĦALL-BDIL FIL-POST TAL-KONSENJA.

L-isem il-ġdid/l-indirizz:

Awtorizzat minn (awtorità kompetenti):

Talba minn: l-isem/l-indirizz tal-kumpanija:

In-nru. tar-referenza

Il-firma

u t-timbru

L-isem u l-firmatarju:

Firma:

Il-post u d-data

C IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI LI L-OĠĠETTI ĠEW RIĊEVUTI U ESPORTATI

L-Oġġetti ġew riċevuti mill-konsenjatarju

Data

Post

Numru ta' referenza

Id-Deskrizzjoni ta' l-oġġetti

L-Eċċess

In-Nuqqas

Il-Konsenja ġiet eżaminata

L-Oġġetti ġew esportati (*)/imqiegħda taħt il-proċedura tad-dwana tal-Komunità (għajr ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera) (*)

Il-mezz tat-trasport

Data

L-isem tal-firmatarju

Il-post/data

Il-kumpanija tal-firmatarju

Firma

.....

Il-firma l-awtorità fiskali jew l-uffiċċju Doganali

Id-dikjarazzjoni minn awtorità fiskali (jekk meħtieġa) jew minn uffiċċju Doganali

L-isem

L-indirizz

(*) ħassar fejn mhux applikabbli

A Rekord tal-kontroll (ikompli)

IL-KOMUNITÀ EWROPEA
IL-PRODOTTI SOĠĠETTI GĦAT-TAXXA TAS-SISA

DOKUMENT AMMINISTRATTIV LI JAKKOMPANJA

4 kopja tal-konsenjatur	1 In-numru tal-VAT ta'Konsenjatur	2 In-numru tas-sisa tal-konsenjatur	3 Numru ta' referenza
	<input type="checkbox"/>	4 In-numru tas-sisa tal-konsenjatarju	5 Numru tal-Fattura
		6 Id-data tal-fattura	
	7 In-numru tal-VAT ta'Konsenjatarju	8 Il-post tal-konsenja	
	7a L-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq	10 Il-garanzija	
9 It-trasportatur	12 Il-pajjiż minfejn tintabgħat il-konsenja	13 Il-pajjiż ta' destinazzjoni	
11 Dettalji oħra tat-trasport	14 Ir-rappreżentant tat-taxxa		
4	15 Il-post tat-tluq	16 Il-data tat-tluq	17 Il-ħin tal-vjaġġ

18a Il-marki u n-numri in-numru u t-tip tal-pakki, id-deskrizzjoni ta'l-oġġetti	19a Il-kodiċi tal-merkanzija (il-kodiċi CN)				
	20a Il-kwantità	21a Il-piż gross (kg)			
		22a Il-piż nett (kg)			

18b Il-marki u n-numri in-numru u t-tip tal-pakki, id-deskrizzjoni ta'l-oġġetti	19b Il-kodiċi tal-merkanzija (il-kodiċi CN)				
	20b Il-kwantità	21b Il-piż gross (kg)			
		22b Il-piż nett (kg)			

18c Il-marki u n-numri in-numru u t-tip tal-pakki, id-deskrizzjoni ta'l-oġġetti	19c il-kodiċi tal-merkanzija (il-kodiċi CN)				
	20c Il-kwantità	21c Il-piż gross (kg)			
		22c Il-piż nett (kg)			

23 Iċ-ċertifikati (ċerti nbejjed u spirti, birreriji zġhar u distilleriji)

A Ir-rekord tal-kontroll għall-użu mil-awtorità kompetenti

Il-firma tkompli fuq in-naħa ta' wara (kopji 2, 3 u 4)

24 Il-kaxxi 1-22 ġew ċertifikati korretti
Il-kumpanija tal-firmatarju u n-numru tat-telefon
L-isem tal-firmatarju
Il-post u d-data
Firma

B L-AWTORIZZAZZJONI GĦALL-BDIL FIL-POST TAL-KONSENJA

L-isem il-ġdid/l-indirizz:

Awtorizzat minn (awtorità kompetenti):

Talba minn: l-isem/l-indirizz tal-kumpanija:

In-nru. tar-referenza.

Il-firma
u t-timbruL-isem u l-firmatarju:
Il-post u d-data:

Firma:

C IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI LI L-OĠĠETTI ĠEW RIĊEVUTI U ESPORTATI L-Oġġetti ġew riċevuti mill-konsenjatarju

Data Post Numru ta' referenza

Id-Deskrizzjoni ta' l-oġġetti

L-Eċċess

In-Nuqqas

 Il-Konsenja ġiet eżaminata L-Oġġetti ġew esportati (*)/imqiegħda taħt il-proċedura tad-dwana tal-Komunità (għajr ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera) (*)

Il-mezz tat-trasport

Data

 L-isem tal-firmatarju
Il-kumpanija tal-firmatarjuIl-post/data
Firma

.....

 Il-firma l-awtorità fiskali jew l-uffiċċju Doganali
L-isem
L-indirizzId-dikjarazzjoni minn awtorità fiskali (jekk meħtieġa) jew minn uffiċċju
Doganali

(*) ħassar fejn mhux applikabbli

A Rekord tal-kontroll